MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 156/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**
**Vs**
**Ibdiri Abdea Aroof**
**ID No. 555585M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-20 ta' Marzu, 2013 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn, tmienja u tletin Ewro hamsa u hamsin centezmu (€1,238.55) in konnessjoni ma servizz/i ta' kommunikazzjoni bin-numru *79894919* numri tal-kont *A/C 40189007*, moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-13 ta' Novembru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.
Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn, tmienja u tletin Ewro hamsa u hamsin centezmu (€1,238.55) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.
L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------